MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 24/2003

**Dr Andrew Borg Cardona bhala stralcjarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Priceclub Operators Limited**

**vs**

**Priceclub (Holdings) Limited u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Mejju, 2003, gew kjamati in kawza Victor Zammit, Christopher Gauci, Wallace Fino, Biochemicals International Limited u 2000 Holdings Limited**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ippresentat min Dr Andrew Borg Cardona nomine li n forza tieghu wara li ppremetta li B'digriet ta' dina l-Onor Qorti tat-12 ta' Lulju, 2002, is-socjeta' rikorrenti giet xolta ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap.386, billi ma tistax thallas id-djun taghha.

Dr Andre Borg Cardona gie mahtur bhala stralcjarju tas-socjeta' rikorrenti b'rizoluzzjoni tal-kredituri ta' PCO tal-20 ta' Gunju, 2002, liema hatra giet ikkonfermata bl-imsemmi digriet tat-12 ta' Lulju, 2002, ta' dina l-Onor Qorti.

PCO ghandha tiehu minghand is-socjeta' intimata Priceclub Holdings Limited ("PCH") is-somma ta' miljun mija u sitta u erbghin elf seba mija u erba u hamsin lira (Lm1,146,754), liema ammont jirrapprezenta ammonti li gew avvanzati lil PCH minn PCO, u li sad-data tal-prezentata tar-rikors odjern ma kienx thallasx.

**L-insolvenza ta' PCH**

PCH ghandha, effettivament, interess ta' 100% fis-segwenti socjetajiet:
(a) PCO
(b) Priceclub (Birkirkara) Limited
(c) Priceclub (Burmarrad) Limited
(d) Priceclub (Swatar) Limited
Flimkien, il-kumpaniji PCH, PCO, Priceclub (Birkirkara) Limited, Priceclub (Burmarrad) Limited u Priceclub (Swatar) Limited huma f'dan ir-rikors imsejjha l-"Grupp Priceclub".

Il-Grupp Priceclub kien jopera tmien (8) *supermarkets* maghrufa bl-isem "Priceclub". Dawn is-*supermarkets* kienu s-segwenti:
(a) Priceclub (Burmarrad), Burmarrad Road, Burmarrad;
(b) Priceclub (Swatar), Triq is-Swatar, Swatar, Msida;
(c) Priceclub (Birkirkara), G.F. Agius De Soldanis

Street, B'Kara;
(d) Priceclub (Naxxar), Triq il-Mosta, Naxxar;
(e) Priceclub (Attard), Plot D, Triq il-Ghenba, Attard;
(f) Priceclub (Marsa), The Save-On Discount Store, Sir Paul Boffa Avenue, Marsa;
(g) Priceclub (Paola), Carters, Luqa Road, Paola; u
(h) Priceclub (Gozo), Arkadia Complex, Rabat, Gozo.

Tlieta mis-*supermarkets* – precizament dwak f'Burmarrad, Birkirkara u Swatar – huma proprjeta' tal-Grupp Priceclub; kien hemm ukoll zewg konvenji, bil-prezz kollu digia mhallas, sabiex il-Grupp Priceclub jakkwista u jixtri l-azzjonijiet f'zewg socjetajiet li huma propjetarji tas-*supermarkets* ta' H'Attard u n-Naxxar; fil-waqt li s-*supermarkets* l-ohrajn kienu mikrijin.

PCO kienet is-socjeta' fil-Grupp Priceclub li kienet topera s-*supermarkets*. PCO ma kienetx propjetarja tas-*supermarkets*, izda kienet tikrihom, tlieta minn kumpaniji ohra fil-Grupp Priceclub, kif hawn fuq spjegat, u l-ohrajn minn terzi. PCO kienet takkwista l-merkanzija minghand il-kredituri u tbiegha mis-*supermarkets*. PCO kellha, meta giet xolta, dejn enormi – ikatar minn Lm8,000,000 – u assi realizzabbli ftit li xejn.

Is-*supermarkets* ta' Birkirkara, Burmarrad u Swatar inxtraw bi flus li f'parti sostanzjali gew mislufa lill-Grupp Priceclub mill-HSBC Bank Malta plc, mill-Bank of Valletta plc u mill-azzjonisti. L-HSBC Bank Malta Plc kienet sellfet flus lil PCH biex jinxtraw il-propretajiet f'Burmarrad u s-Swatar. Il-Bank of Valletta Plc kien ghamel self dirett lil Priceclub (Birkirkara) Ltd biex tinxtara il-proprjeta' f'dik il-lokalita'. Sakemm is-*supermarket chain* Priceclub kien qed jopera, il-hlas lura ta' dan id-dejn kien qed jigi finanzjat, fil-parti 'l kbira, minn avvanzi li kienet qed taghmel PCO lil PCH u lil Priceclub (Birkirkara) Ltd. L-ammont ta' Lm1,146,754 li PCO ghandha tiehu minghand PCH intuza principalment biex PCH thallas l-interessi u parti mis-self kapitali li hadet minghand HSBC Banka Malta Plc u minghand l-azzjonisti.

PCO kellha thallas kera ghall-uzu tas-*supermarkets* f'Birkirkara, Burmarrad u Swatar lill-kumpaniji proprjetarji ta' dawk l-istabilimenti. Dawk il-kumpaniji kellhom, prezumibilment, juzaw l-introjtu mill-kera biex jiffinanzjaw il-hlas tal-interessi u d-dejn li huma kienu hadu mill-PCH; u PCH setghet, imbaghad, tuza dawn il-fondi biex thallas lura lil PCO tal-avvanzi li din kienet ghamlitilha, kif spjegat hawn fuq.  Fil-fatt, pero', il-kotba kif mizmuma mill-ex diretturi juru li PCO kienet ilha snin ma tintalab il-hlas tal-kera minn Priceclub (Birkirkara) Limited, Priceclub (Burmarrad) Limited u Priceclub (Swatar) Limited.

Bhala konsegwenza tal-insolvenza u stralc konsegwenzjali ta' PCO, l-parti l-kbira tal-kera li kellhom jircievu Priceclub (Birkirkara) Ltd, Priceclub (Burmarrad) Limited u Priceclub (Swatar) Ltd minghand l-istess PCO ma jistax jithallas, u bhala rizultat, l-imsemmija socjetajiet ma jistghux ihallsu d-djun taghhom u/jew jghaddu flus lil PCH biex din thallas id-djun taghha, kemm dawk fuq il-proprjetajiet, u kif ukoll ohrajn.  Olter dan, PCO m'ghadx ghandha flejjes biex tislef lil PCH biex din ta' l-ahhar tonora l-obbligi taghha.

Minbarra li PCH m'ghandhiex *cash-flow* biex thallas id-djun taghha kif jsiru dovuti – tant li fattwalment mhix qed tonorahom – PCH ghandha ukoll deficjenza sostanzjali fil-*balance sheet*, bil-passiv jeccedi l-attiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet, jew liema minhom, PCH ma tistax thallas id-djun taghha, inkluz id-djun ta' miljun mija u sitta u erbghain elf seba mija u erba u hamsin lira (Lm1,146,754), dovut lil PCO.

Ghalhekk, hu sottomess bir-rispett li PCH ghandha tigi xjolta ai termini tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 tal-Kap.386.

**<u>Il-htiega urgenti tan-nomina immedjata ta' amministratur provvizorju ghal PCH</u>**

L-insolvenza ta' PCO u ta' PCH ma kienetx rizultat ta' negozju sfortunat li mar hazin minkejja tmexxija ghaqlija u

korretta da parti tad-diretturi u azzjonisti ta’ dawn is-socjetajiet. Ghall-kuntrarju, il-falliment ta’ PCO kien dovut ghal numru ta’ fatturi li ghalihom iridu jirrispondu kemm l-ex diretturi taghha, u kif ukoll PCH bhala l-azzjonista principali ta’ PCO. Dawn il-fatturi jikkomprendu, fil-qasir u fost ohrajn, is-segwenti:

(a) *Wrongful trading* bi ksur tal-artikolu 316 tal-Kap.386. PCO kienet kumpanija li, sa mit-twelid tal-Grupp Priceclub, kellha, fl-ahjar ipotesi, prospetti zghir li tevita xoljiment minhabba insolvenza. Sa mill-bidu nett, PCO tghabbiet bi djun kbar (fosthom dejn li intiret) u b’assi li, fir-realta’, hafna minnhom ma kienux rejalizzabbli. Il-kapital taghha kien mizeru. Id-dejn kiber b’ritmu mghaggel u b’ammonti enormi, biex lahaq ‘l fuq minn Lm8,000,000 meta PCO falliet, filwaqt li PCO bdiet taghmel telf kbir. Barra minn hekk, kien hemm nuqqasijiet serji fil-kontrolli interni tal-kumpanija u sahansitra fiz-zamma korretta tal-kotba, tant li t-telf li kien qed jidher fil-kotba sakemm kienu ghadhom qed imexxu d-diretturi ma kienx qieghed jirrifletti sewwa t-telf li verament kienet sofriet PCO, bir-rizultat li l-istess diretturi lanqas biss ma kellhom ideja tajba ta’ x’kien qed jigri fin-negozju li kienu qed imexxu. It-telf ta’ PCO sat-30 ta’ Settembru, 1999, kien, skond l-ahhar *financial statements* ippubblikati, ta’ Lm262,000. Fis-sena li ntemmet fit-30 ta’ Settembru, 2000, kien hemm telf iehor, skond dokument intern, ta’ Lm844,136 li gab it-telf kumulattiv sa dakinhar ghal Lm1.1 miljun. Sal-31 ta’ Marzu, 2001, din ic-cifra kienet kibret ghal Lm1.6 miljun. Dawn ic-cifri nzammu mistura mill-kredituri sakemm dawn talbu, f’April 2001, li jaraw il-kotba ta’ PCO, billi dak iz-zmien kien hemm suspetti li l-Grupp Priceclub kellu problemi finanzjarji serji, avolja d-diretturi kienu qed ipingu kwadru ta’ grupp ta’ success. Mill-investigazzjonijiet li saru, beda jidher car li, fil-fatt, it-telf li kienet garrbet PCO kien ferm u ferm akbar minn dak li kien qed jidher fil-kotba taghha. Skond PricewaterhouseCoopers, ditta inkarigata mill-kredituri, it-telf ta’ PCO sa Marzu 2001 kien ta’ madwar Lm3.5 miljun (successivament mizjud ghal Lm4.25 miljun), cioe’, Lm2.4 (jew Lm3.15) miljun aktar milli l-kotba kienu qed juru sa sitt xhur qabel. Minn dan, u minn hafna fatti ohra li se jitressqu fi proceduri appositi

kontra l-ex diretturi ta’ PCO, jirrizulta li PCO kienet ilha hafna fi stat ta’ insolvenza, liema stat kien, jew missu kien, maghruf lid-diretturi u konsegwentement id-diretturi misshom li ilhom hafna li xoljew il-PCO;

(b) *Fraudulent trading* bi ksur tal-artikolu 316 tal-Kap.386. L-istat ta’ insolvenza ta’ PCO inzamm, xjentement jew b’nuqqas ta’ osservanza ta’ obbligi naxxenti mil-ligi, mistur mill-kredituri, li baqghu jbieghu bid-dejn lill-istess PCO f’cirkostanzi fejn dawn ma kellhomx acess ghal, u ma nghatawx, taghrif dwar l-istat finanzjarju veru ta’ insolvenza ta’ PCO. Apparti dan, id-diretturi ta’ PCO (li huma d-diretturi fil-kariga llum ta’ PCH u fis-sussidjarji l-ohra tal-Grupp Priceclub) ghamlu diversi pretensjonijiet, rappresentazzjonijiet u stqarrijiet foloz, jew li jizgwidaw, dwar PCO u dwar il-Grupp Priceclub, b’mod tali li PCO nghatat jew ottjeniet dejn gdid, jew inkella dilazzjoni ulterjuri fuq pagamenti gia dovuti, meta PCO kienet gia fi stat ta’ insolvenza;

*(c) Fraudulent preferences* bi ksur tal-artikolu 303 tal-Kap.386. Fil-perijodu ta’ sitt xhur qabel l-1 ta’ Novembru, 2001, id-diretturi ta’ PCO ghamlu diversi pagamenti lil kredituri bi preferenza frawolenti fuq kredituri ohra;

(d) Responsabilita’ ghal-zamma hazina tal-kotba ta’ PCO fis-sentejn qabel ix-xoljiment taghha, bi ksur tal-artikolu 314 tal-Kap.386. Kif sottomess fil-qosor aktar ‘l fuq f’dan ir-rikors, il-kotba ta’ PCO kienu qed jaghtustampa hazina u anke qarrieqa tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija (fis-sens li s-sitwazzjoni kienet tpingiet bhala hafna ahjar milli fil-fatt kienet), u dana billi l-kontijiet ma kienux qed jinzammu sew;

(e) Abbuz mill-privilegg ta’ responsabilita’ limitata moghti mill-artikolu 67 tal-Kap.386. L-interessi azzjonarji fis-*supermarket chain* Priceclub kienu strutturati tramite s-socjeta’ PCH u numru ta’ sussidjarji, kif gia nghad. Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, hu sottomes li gie abbuzzat il-privilegg ta’ responsabilita’ limitata moghti mill-artiolu 67 tal-Kap.386. Dan l-abbuz jirrizulta, fost affarijiet ohra, mill-fatt li l-assi materjali tal-grupp kienu segregati,

abbuzivament u minghajr gustifikazzjoni, mid-djun billi, fost affarijiet ohra, l-assi immobiljari kienu segregati fis-socjetajiet konvenuti Priceclub (Birkirkara) Ltd., Priceclub (Burmarrad) Limited u Priceclub (Swatar) Limited, u l-operazzjoni tan-negozju kollu f'kumpanija ohra – PCO – minghajr ma din ta' l-ahhar inghatat il-kapital necessarju biex tilhaq, jew ikollha possibilita' reali li tilhaq, l-ghanijiet li ghalihom giet kostitwita.  Bhala rizultat ta' dan l-abbuz hu sottomess li PCH u ohrajn tilfu l-privilegg ta' responsabilita' limitata.

Minbarra dawn ic-cirkostanzi, li bhala konsegwenza taghhom PCO falliet u l-kredituri taghha tilfuq miljuni ta' liri, l-ex diretturi ta' PCO ghadhom, sal-gurnata tal-lum, ma jaqdux dmirijiethom bir-risultat li l-esponenti qed isib diffikultajiet biex jaqdi l-funzjoni tieghu.  Ewlieni fost l-obbligi tal-ex diretturi hu li jaghtu lill-esponenti *statement of affairs* ta' PCO sad-data li fiha PCO giet xolta, u cioe', sal-1 ta' Novembru, 2001.  Minkejja li gew mitluba li jaghmlu dan diversi drabi, u minkejja li n-nuqqas taghhom gie rapportat lil dina l-Onor Qorti fl-atti tax-xoljiment, l-ex diretturi ghadhom ma ghamlux dan l-*istatement of affairs*. Bhala rizultat, l-esponenti qed ikollu juza l-ftit fondi ta' PCO biex jittenta jibni kwadru tal-istat finanzjarju veru ta' din il-kumpanija, u kien fil-kuntest ta' dan l-esercizzju li l-esponenti skopra, ricentement, il-bilanci li jezistu bejn il-kumpaniji fi hdan il-Grupp Priceclub skond il-kotba taghhom, inkluz li PCH ghandha taghti lil PCO s-somma ta' Lm1,146,754 – fatt li l-ex diretturi ta' PCO (u diretturi attwali ta' PCH) lanqas biss indenjaw ruhhom jizvelaw fatt minn jeddhom, kif wiehed kien jistenna kieku kienu serji.

L-istess individwi li huma responsabbli ghall-insolvenza ta' PCO u ghac-cirkostanzi, fost ohrajn, li taw lok ghall-istess insolvenza u ghal nuqqas ta' kooperazzjoni u qadi ta' dmirijiet sal-lum stess, huma l-individwi li gahdhom diretturi ta' PCH, u tas-sussidjarji taghha, u li ghadhom ma xoljewx l-istess PCH minhabba insolvenza, minkejja li l-istess insolvenza hija evidenti ghal zmien twil.  Bhala rizultat ta' dan in-nuqqas ta' qadi ta' dmirijiet, id-diretturi ta' PCH qieghdin ikomplu jarrekaw dannu lill-kredituri ta' PCH – inkluza PCO (u indirettament il-kredituri ta' PCO) – billi,

fost affarijiet ohra, PCH qed tkompli tkabbar id-dejn taghha, principalment b'interessi fuq self kbir mill-HSBC Bank Malta Plc, stante li l-assi immobbiljari ghadhom ma nbieghux. Barra minn hekk, l-istess individwi ghad ghandhom kontroll fuq PCH u s-sussidjarji taghha – fejn hemm l-assi immobbiljari tal-Grupp Priceclub – meta l-agir u n-nuqqasijiet taghhom juru b'mod car li ma jisthoqqilhom ebda fiducja li ser imexxu l-affarijiet ta' PCH u tas-sussidjarji fl-interess tal-kredituri, u skond il-ligi.

Fid-dawl ta' dan il-*background*, hu sottomess bir-rispett li hemm bzonn urgenti li t-tmexxija ta' PCH u tas-sussidjarji taghha titnehha minn idejn id-diretturi attwali, u titpogga f'idejn amministratur provizorju appuntat skond l-artikolu 228 tal-Kap.386, biex b'hekk jigu salvagwardati u likwidati l-assi tal-Grupp Priceclub fl-ahjar interess tal-kredituri.

**TALAB** ghalhekk, a bazi tas-suespost, u ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri li jingiebu waqt is-smigh taer-rikors, li dina l-Onorabbli Qorti ghandha:
(i) tordna x-xoljiment u l-istralc ta' Priceclub Holdings Limited minn din l-Onor Qorti, skond is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 214 tal-Kap.386;
(ii) qabel ma taghmel l-ordni mitluba fl-ewwel talba, minnufih tahtar, ai termini ta' l-art. 228 tal-Kap.386, amministratur provvizorju ghas-socjeta' Priceclub Holdings Limited, u taghtih dawk il-poteri u funzjonijiet li jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi, inkluzi l-poter u l-funzjoni li jiehu f'idejh (minghajr pregjudizzju ghall-interessi tal-kredituri privileggjati) il-bejgh tal-assi immobiljari tal Grupp Priceclub ghall-ahjar prezz;
(iii) tahtar, jekk ikun il-kaz, stralcjarju ghal Priceclub Holdings Limited; u
(iv) taghti, ai termini tal-artikolu 219 tal-Kap.386, dawk l-ordinijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa jew necessarji waqt l-andament tal-proceduri.
Bl-ispejjes.

Rat ir-risposta li ressqet Priceclub Holdings Limited, limitatament ghat-talba ta' hatra ta' amministratur provisorju;

Rat id-decisjoni moghtija min din il-Qorti fl-20 ta' Frar, 2003, li n forza taghha laqghet it-talba ghall-hatra ta' amministratur provisorju tas-socjeta' intimata, u a tenur tal-artikolu 228 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta, hatret lis-Sur Joseph R. Aquilina bhala amministratur provisorju tas-socjeta' Priceclub Holdings Limited (numru ta' registrazzjoni C22703), b'funzjonijiet li jara li din is-socjeta' ma tagravax is-sitwazzjoni ekonomika taghha bi djun ohra, li jikkawtela l-assi li ghandha din is-socjeta', u billi jiehu f'idejh (minghajr pregjudizzju ghall-interessi tal-kredituri privileggjati) il-bejgh tal-assi immobbiljari taghha u tas-socjetajiet li fihom ghandha effettivament interess ta' 100% ghall-ahjar prezz;

Rat li fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2003, is-socjeta' intimata inghatat il-fakolta' li tipprezenta t-twegiba taghha ghar-rikors principali tar-rikorrent;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju, 2003, li in forza tieghu laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Victor Zammit, Christopher Gauci, Wallace Fino, Biochemicals International Limited u 2000 Holdings Limited;

Rat ir-risposta tal-kjamati fil-kawza li in forza taghha ecceppew illi huma qieghdin jopponu l-istralc tal-kumpanija Priceclub Holdings Limited a bazi tal-allegazzjonijiet migjuba fir-rikors promotorju u dan inter alia ghaliex:

(i) preliminarjament illi l-kumpanija Priceclub Operators Limited (PCO) ghandha tipprova li hi kreditrici tal-kumpanija Priceclub Holdings Limited (PCH) u li ghandha l-interess mehtieg fit-talba taghha ghal-likwidazzjoni ta' PCH. L-istess PCO hi debitrici ta' kumpaniji formanti l-Grupp Priceclub. Inoltre d-dejn reklamat mir-rikorrent ma huwiex cert, likwidu u dovut u ma tistax, ghalhekk, a bazi ta' din l-allegazzjoni, tintalab il-likwidazzjoni ta' PCH.

(ii) illi fi kwalunkwe kaz, u bla pregjudizzju, l-insolvenza tal-kumpanija ghandha tigi ppruvata skond il-ligi mir-rikorrenti;

(iii) illi l-allegazzjonijiet kollha dwar *wrongful* u *fraudulent trading* kif ukoll dwar l-abbuz tal-privilegg tar-responsabilita' limitatat huma kontestati billi huma kompletament infondati kemm fil-fatt u fid-dritt;
In kwantu li t-talba ghal-likwidazzjoni qieghda issir a bazi ta' dawn l-affarijiet (cioe', *wrongful/fraudulent trading* u abbuz tal-privilegg tar-responsabilita'), l-esponenti jafu li gew ipprezentati procedimenti opportuni quddiem din l-Onorabbli Qorti ghad-dikjarazzjonijiet opportuni. Isegwi li f'dawn il-procedimenti ma jistax (u fil-fatt ma hijiex qieghda) tintalab dikjarazzjoni fis-sens li l-azzjonisti abbuzaw mill-privilegg ta' inkorporazzjoni jew li d-diretturi huma hatja ta' *fraudulent* jew *wrongful trading*: illi din l-Onorabbli Qorti, ghalhekk, ma tistax tipprocedi a bazi ta' dawn l-allegazzjonijiet sakemm jigi determinati fis-sede opportune. Jigi rilevat li jirrizulta li dawn il-proceduri fil-fatt gia gew intavolati;
(iv) illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma kompletament infondati filf-att u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata li, tramite l-amministratur provizorju taghha, eccepiet illi fil-waqt li taghmel riferenza ghas-sottomissjonijiet illi ghamlet is-socjeta' Proceclub Holdings Limited fir-risposta taghha tas-27 ta' Jannar 2003, dwar il-hatra ta' amministratur provvizorju, kif ukoll ghar-risposta tal-kjamati fil-kawza ntavolata fil-5 ta' Gunju, 2003, jirrimetti ruhu ghad-decisjoni tal-Qorti fuq il-meritu u dana stante illi ma huwiex kompitu tal-amministratur provizorju illi jintrometti ruhhu fil-meritu tal-kawza;

Rat d-diversi affidavit prodotti bahla prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet (u traskritti fl-atti tal-kawzi l-ohra konnessi);

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet u rat ukoll in-noti tal-osservazzjonijiet minnhom ippresentati;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-meritu ta' dan ir-rikors huwa reltata mal-meritu tar-rikorsi numri 26/03/TM u 27/03/TM, it-tnejn fl-ismijiet "Dr Andrew Borg Cardona nomine vs Victor Zammit et". Fil-fatt, f'dawn iz-zewg kawzi r-rikorrenti qed jallega li d-diretturi precedenti tas-socjeta' Price Club (Operators) Limited, Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino, kissru d-doveri taghhom lejn il-kredituri tal-kumpanija, izda fil-waqt li fil-kawza numru 26/03 qed jallega li d-diretturi huma hatja ta' *'wrongful trading'*, fil-kawza numru 27/03 qed jallega li l-istess agir tad-diretturi jwassal sahansitra ghall- *'fraudulent trading'*.

Fis-sentenzi ta' din il-Qorti moghtija illum stess fil-kawzi numru 26/03 numru 27/03, din il-Qorti sabet li t-tlett diretturi kienu responsabbli ta' kummerc hazin u ta' kummerc bi frodi, bir-rizultat li dawn gew dikjarati responsabbli personalment, minghajr ebda limitazzjoni ta' responsabilita' ghad-djun kollha tal-kumpanija.

F'din il-kawza, ir-rikorrent qed jitlob l-istralc tal-kumpanija Priceclub (Holdings) Limited, kumpanija azzjonista fil-kumpanija Priceclub (Operators) Limited, peress li mhix f'posizzjoni li thallas id-djun taghha. Il-provi kollha relatati anke ghall-fini ta' din il-kawza ingabru fil-kawza b'rikors numru 27/03. Mhux mehtieg li din il-Qorti toqghod tirrepeti c-cirkostanzi ta' fatt kif svolgew matul is-snin, u din il-Qorti qieghda taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet, analizi u argumenti taghha kontenuta fil-kawza l-ohra, li fiha il-partijiet f'din il-kawza kienu wkoll parti (bin-numru 27/03), biex issotni l-konkluzzjoni taghha li l-agir tal-intimati wassal anke ghall-insolvenza tal-kumpanija intimata f'din il-kawza.

Fil-fatt, anke l-espert prodott mill-intimati, Robert Borg, meta xehed fl-udjenza tal-21 ta' Marzu, 2007, ammetta li l-kumpanija intimata "*falliet*", u minn qari tal-kotba ta' din is-socjeta' jirrizulta b'mod car li din il-kumpanija ghandha djun li jeccedu l-assi taghha, u peress li din il-kumpanija ma tinnegozzjax, izda tiddependi ghad-dhul taghha minn avvanzi minn kumpaniji ohra fil-Grupp Priceclub, li waqfu joperaw u/jew huma wkoll falluti, mhix se tkun f'posizzjoni li thllas id-debiti taghha. Hafna jekk mhux kollox mill-proprjetajiet immobbiljari li kellha l-Grupp Priceclub gew mibjugha fuq istanza ta' kredituri privilegjati. Jirrizulta wkoll li l-kumpanija intimata hija debitrici tas-socjeta' Priceclub (Operators) Limited, u mill-kotba tal-kumpanija jirrizulta li fit-30 ta' Settembru, 2001, is-socjeta' intimata ghandha tgahti Lm1,146,754 lis-socjeta' Priceclub (Operators) Ltd. Ebda parti minn dan id-dejn ma thallas, u, kif inghad, jirrizulta li l-kumpanija intimata mhux f'sitwazzjoni finanzjarja li thallas dan id-dejn.

Kif jirrizulta mis-sentenzi li tat din il-Qorti illum stess fil-kawzi l-ohra indikati, l-agir tal-persuni li kellhom il-kontroll tal-kumpaniji fil-Grupp Priceclub kien wiehed ghall-kollox qarrieqi u intiz li jghabbu l-kumpaniji bi djun sakemm, forsi, il-kumpanija Priceclub (Operators) Ltd, jirnexxielha taghmel profitti hekk kbra li jkunu jistghu jaqghtu id-djun kollha inkombenti l-kumpaniji fil-Grupp. It-tkabbir tal-kumpanija Priceclub (Operators) riedu jaghmluh minghajr wisq investiment personali, u biex jippruvaw jattwaw il-holma taghhom li jibnu imperu komparabbli ma dawk esteri, investu flus it-*trade suppliers.* Meta d-djun kibru, komplew joperaw bi pregjudizzju ghall-interessi tal-kredituri u minghajr qis ta' kif il-kumpaniji, fosthom dik intimata, kienu se jonoraw l-obbligazzjonijiet li assumew. Flok, kif kien l-obbligu taghhom, raw kif jaghmlu biex irazznu l-operat taghhom u jnaqqsu t-telf potenzjali ghall-kredituri, kabbru d-dejn li kellhom biex issotnu l-hsieb li jkabbru l-kumpanija. B'rizultat ta' dan il-kummerc hazin u bi frodi adoperat mid-diretturi, il-kumpanija intimata spiccat falluta kif spiicat ukoll il-kumpanija operativa tal-grupp.

Ghall-kull buon fini, il-Qorti tirrileva li l-ewwel aggravju tal-kjamati fil-kawza gie determinata bis-sentenza *in parte* li hi tat fl-20 ta' Frar, 2003, fejn gie decis li r-rikorrenti kellu l-interess guridiku mehtieg jissokta b'din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti, fil-waqt li tirrelva li t-tieni talba tar-rikorrenti giet determinata bid-decisjoni ta' din il-Qorti tal-20 ta' Frar, 2003, u li m'hemmx lok ta' provedimenti fit-termini tar-raba talba peress li l-kawza giet issa decisa, tilqa l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna l-istralc tal-kumpanija Priceclub (Holdings) Limited (numru ta' registrazzjoni C22703) u dana fit-termini tal-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta; u tilqa ukoll it-tielet talba u tahtar lill-Avukat Dottor Andrew Borg Cardona bhala stralcjarju tal-kumpanija intimata.

L-ispejjes ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-intimati *in solidum.*

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi mibghuta lir-Registratur tal-Kumpaniji skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------